MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Numru. 740/2011

Il-Pulizija
(Sp Robert Vella)
vs
Aleksandar Stojanovic, iben Radomir, imwieled Novisad, Serbja fis-27 ta' April, 1979, Karta ta' l-Identita numru 62335(A)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-lejl ta' bejn is-7 u it-8 ta' April, 2011 ġewwa r-Rabat, Malta bil-ħsieb li jagħmel reat ta' serq mill-każin tal-football tar-Rabat Ajax għad-dannu ta' Carmelo Ciantar u/jew persuna jew persuni oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u li kieku seħħ kien ikun

serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li huwa ta' aktar minn €232.94 iżda mhux aktar minn 2,329.37;

2. talli fil-lejl ta' bejn l-20 u il-21 ta' April, 2011 ġewwa r-Rabat, Malta, ikkometta serq minn vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni AAJ 828, għad-dannu tas-sidien liema serq hu kkwalifikat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħassar, ħamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni AAJ 828 għad-dannu tas-sidien, liema ħsara ma tiskorriex il-€116.47;

4. talli fl-14 ta' Mejju, 2011 ġewwa l-Ħamrun ikkometta serq ta' CCTV camera li kienet imwaħħla ma residenza privata għad-dannu tas-sidien, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jiskorri l-€232.94 iżda mhux aktar minn €2,329.37;

5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassar għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fuq l-istess CCTV camera għad-dannu tas-sidien, liema ħsara tiskorri l-€116.47 iżda mhux aktar minn €1,164.69;

flimkien ma persuni oħra –

6. talli fil-lejl ta' bejn l-20 u il-21 ta' April, 2011 ġewwa r-Rabat, Malta kkometta serq minn vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FAI 471 għad-dannu tas-sidien liema serq hu kkwalifkat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

7. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FAI 471 għad-dannu tas-sidien, liema ħsara ma tiskorriex il-€116.47;

8. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkometta serq minn vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FAW 337 għad-dannu tas-sidien liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza (numeruka), bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

9. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkometta serq minn vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IBF 297 għad-dannu tas-sidien liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza (numeruka), bil-mezz, bil-valur li hu aktar minn

€232.94 iżda mhux aktar minn €2,329.37, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
10. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IBF 297 għad-dannu tas-sidien, liema ħsara ma tiskorriex il-€116.47;
11. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkometta serq minn vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JBC 553 għad-dannu tas-sidien liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza (numeruka), bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
12. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JBC 553 għad-dannu tas-sidien, liema ħsara tiskorri il-€116.47 iżda mhux aktar minn €1,164.69;
13. talli fil-lejl ta' bejn l-20 u il-21 ta' April, 2011 ikkometta serq minn ġewwa garage sitwat ġewwa Triq il-Ferrovija, Mdina għad-dannu tas-sidien liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-lok u bil-ħin;
14. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bil-ħsieb li jagħmel reat ta' serq minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LIN 039 għad-dannu tas-sidien, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u liema delitt li kieku seħħ kien ikun serq ikkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
15. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bil-ħsieb li jagħmel reat ta' serq minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni PAU 702 għad-dannu tas-sidien, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u liema delitt li kieku seħħ kien ikun serq ikkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
16. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fuq

il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni PAU 702 għad-dannu tas-sidien, liema ħsara ma tiskorriex il-€116.47;
17. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bil-ħsieb li jagħmel reat ta' serq minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IAN 249 għad-dannu tas-sidien, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u liema delitt li kieku seħħ kien ikun serq ikkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
18. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fir-residenza numru 2, Triq Għeriexem, Rabat għad-dannu tas-sidien, liema ħsara ma tiskorriex il-€116.47;
19. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bi ħsara għas-sid tar-residenza (abbundanata) imsemmija fil-paragrafu ta' qabel, għamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta';
20. talli matul ix-xahar ta' April, 2011 minn ġewwa l-Imdina kkometta serq ta' flus kontanti minn ġewwa 'Kiddie Ride Machine' għad-dannu tas-sidien liema serq hu kkwalifkat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz u bil-ħin;
21. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fuq l-istess 'Kiddie Ride Machine' għad-dannu tas-sidien, liema ħsara ma tiskorriex il-€116.47;
22. talli fl-istess żminijiet u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Ġunju, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-aħħar akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(a)b)(ċ)(e)(f)(g), 262(b), 263(a), 267, 269(g), 270, 271(g), 277, 278(1)(2)(3), 325(b)(ċ) u 340(d) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------